

Brussell, 26 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9418/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0124 (NLE)

MI 330
ENT 79
UNECE 7

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil- Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal- Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti ta' Ġunju 2025 għal regolamenti tan-NU

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 251 final.

Mehmuż: COM(2025) 251 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2025
COM(2025) 251 final

2025/0124 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji
għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-
Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti ta' Ġunju 2025 għal regolamenti
tan-NU**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija għal deċizzjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (WP.29) fir-rigward tal-adozzjoni ta' modifiki tar-regolamenti attwali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Ftehim Parallel

Hemm żewġ ftehimiet fis-seħħ biex jiġu żviluppati rekwiżiti armonizzati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE), u biex jiġi żgurat li l-vetturi bil-mutur joffru livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni ambjentali. Dawn huma:

- il-Ftehim tan-NUKEE dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (il-“Ftehim Rivedut tal-1958”); u
- l-Ftehim li jikkonċerna l-istabbiliment tar-regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-“Ftehim Parallel”).

Għall-UE, il-ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998 u fil-15 ta' Frar 2000 rispettivament. Ix-xogħol relatat ma' dawn il-ftehimiet huwa ssorveljat mid-WP.29.

2.2. Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-WP.29 jipprovdi qafas uniku għal regolamenti armonizzati dwar il-vetturi f'livell dinji. Id-WP.29 huwa grupp ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-NU li għandu mandat speċifiku u regoli ta' proċedura speċifiċi. Dan jaħdem bħala forum globali li jabilita diskussjonijiet miftuħin rigward ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur u dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel. Kwalunkwe membru tan-NU u kwalunkwe organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika mwaqqfa minn membri tan-NU jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fl-attivitajiet tad-WP.29 u jsiru parti kontraenti għall-ftehimiet dwar il-vetturi li jissorvelja d-WP.29. L-UE hija parti għal dawn il-ftehimiet¹.

Id-WP.29 jiltaqa' tliet darbiet fis-sena, f'Marzu, f'Ġunju, u f'Novembru. Biex jirrifletti l-progress tekniku, f'kull laqgħa, id-WP.29 jista' jadotta:

regolamenti ġodda tan-NU;

risoluzzjonijiet ġodda tan-NU;

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (“Ftehim Rivedut tal-1958”) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (“Ftehim Parallel”) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

regolamenti tekniċi globali ġodda tan-NU (GTRs tan-NU, UN global technical regulations);
modifiki tar-regolamenti u r-riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; u
modifiki tal-GTRs u r-riżoluzzjonijiet tan-NU skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, il-korpi sussidjarji ddedikati tad-WP.29 jiddiskutu dawn il-modifiki fil-livell tekniċu.

Sussegwentement, id-WP.29 jista' jadotta l-proposti:

b'maġġoranza kwalifikata tal-partijiet kontraenti preżenti u li jivvutaw għal proposti skont il-Ftehim Rivedut tal-1958; jew

b'vot ta' konsensus tal-partijiet kontraenti preżenti u li jivvutaw għal proposti skont il-Ftehim Parallel.

Qabel kull laqgħa tad-WP.29, tiġi stabbilita b'Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE dwar:

regolamenti ġodda tan-NU, GTRs ġodda tan-NU u riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU; u
emendi, supplimenti u rettifiki tar-regolamenti tan-NU, tal-GTRs tan-NU u tar-riżoluzzjonijiet tan-NU.

2.3. L-att previst tad-WP.29

Mill-24 sas-27 ta' Ġunju 2025, matul il-196 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta:

proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 9, 13, 16, 17, 30, 35, 41, 44, 54, 61, 75, 79, 108, 109, 117, 129, 131, 134, 142, 152, 157, 170, 171, 172, 173, 174 u 175;

proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar is-sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-korsija (ELKS, Emergency Lane Keeping System); u

proposta għal modifika tal-GTR tan-NU Nru 24.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UE

Is-sistema tad-WP.29 issaħħaħ l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim Rivedut tal-1958 għandu rwol ewlieni fil-kisba ta' dan l-oġġettiv. Il-manifatturi tal-UE jistgħu jużaw sett komuni ta' regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-partijiet kontraenti se jirrikonoxxu l-prodotti tagħhom bħala konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

Din l-iskema għamlitha possibbli li r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur² iħassar aktar minn 50 direttiva tal-UE u jissostitwihom b'regolamenti korrispondenti żviluppati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958.

Ir-Regolament (UE) Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ isegwi approċċ simili. Jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim

² Imħassar u ssostitwit mir-Regolament (UE) 2019/2144.

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

Rivedut tal-1958 fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Ladarba d-WP.29 ikun adotta proposta għal regolament ġdid tan-NU jew għal modifiki ta' Regolament eżistenti tan-NU, is-Segretarju Eżekuttiv tan-NUKEE jinnotifika l-att korrispondenti lill-partijiet kontraenti. Sakemm partijiet kontraenti li jikkostitwixxu minoranza li timblokka ma joġġezzjonawx fi żmien 6 xhur, l-att jidħol fis-seħħ. Imbagħad, kull parti kontraenti tista' tittrasponi l-att fir-regoli nazzjonali applikabbli tagħha. Fl-UE, il-proċess ta' traspożizzjoni jitteasta bil-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-pożizzjoni tal-UE jeħtieġ li tiġi stabbilita rigward l-atti li ġejjin:

- proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nri 9, 13, 16, 17, 30, 41, 44, 54, 61, 75, 79, 108, 109, 117, 129, 131, 134, 142, 152, 157, 170, 171, 172, 173, 174 u 175 biex jiġu aġġornati dispożizzjonijiet dwar:
 - l-istorbju mill-vetturi bi tliet roti – l-emendi proposti jfittxu li jintroduċu l-aħħar dispożizzjonijiet tal-Istandard Internazzjonali (ISO) 10844:2024 tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jnaqqsu l-varjabbiltà bejn il-korsiji tat-ittestjar ikkawżata minn interpretazzjonijiet u implimentazzjonijiet differenti tar-rekwiżiti tekniċi;
 - l-ibbrejkjar ta' vetturi tqal – l-emendi proposti għandhom l-għan li jippermettu l-użu ta' apparat tal-illokkjar tal-parking bħala alternattiva għal sistema tal-brejk tal-parking tat-tip ta' frizzjoni biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti statiċi tar-Regolament tan-NU Nru 13 għas-sistemi tal-brejk tal-parking;
 - iċ-ċinturini tas-sikurezza – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw kif għandu jitwettaq it-test tal-ftuħ tal-bokkla, filwaqt li jissimulaw it-tagħbija kkawżata minn ġisem ta' 60 kg;
 - is-saħħa tas-sits – l-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbju l-imġiba tal-korrimenti minn skoss fl-għonq fl-okkupanti ta' statura iżgħar u, b'mod partikolari, tas-sewwieqa nisa;
 - it-tajers għall-karozzi tal-passiġġieri u l-karrijiet tagħhom – l-emendi proposti jfittxu li jallinjaw xi definizzjonijiet u rekwiżiti mal-aħħar dispożizzjonijiet tal-ISO 4000-1:2024;
 - l-emissjonijiet tal-istorbju tal-muturi – l-emendi proposti għandhom l-għan li jsaħħu d-dispożizzjonijiet li jipprevjenu l-manipulazzjoni tat-testijiet u jiffaċilitaw il-konformità tal-ittestjar tal-produzzjoni. L-emendi proposti jfittxu wkoll li jintroduċu dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss;
 - is-sistemi ta' trażżin għat-tfal – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tan-NU Nri 129 u 170;
 - it-tajers għall-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu diversi kjarifiki;
 - il-projezzjonijiet esterni tal-vetturi kummerċjali – l-emendi proposti għandhom l-għan li jaġġornaw ir-referenzi relatati mal-proċedura ta' kejl u kalibrazzjoni tal-punt H tridimensjonali (punt "H" 3-D);

- it-tajers għal muturi/mopeds – l-emendi proposti jfittxu li jallinjaw il-kategoriji ta' użu ma' "tajer normali", "tajer tal-borra" u "tajer għal użu speċjali" f'konformità mar-Regolamenti tan-NU Nri 30 u 54;
- l-istearing – l-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbu t-terminoloġija dwar l-istatus tas-sistema wara "ċiklu ta' startjar/tħaddim tal-magna" u li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet għal sistemi ta' full-power steering bħal sistemi steer-by-wire;
- it-tajers b'wiċċ ġdid għall-karozzi tal-passiġġieri u l-karrijiet tagħhom – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu diversi korrezzjonijiet u jallinjaw id-definizzjoni tat-tajers tal-borra ma' dawk fir-Regolamenti tan-NU Nri 109 u 172;
- it-tajers b'wiċċ ġdid għall-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu diversi korrezzjonijiet u jallinjaw diversi definizzjonijiet mar-Regolament tan-NU Nru 54;
- ir-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien tagħhom u l-qabda tagħhom fuq l-imxarrab – l-emendi proposti jfittxu li jaġġornaw ir-referenzi għall-aħħar speċifikazzjoni standard internazzjonali ASTM F2493-24 u ISO 4000-1:2024 u li jallinjaw id-definizzjonijiet ma' dawk fir-Regolamenti tan-NU Nri 30 u 54. L-emendi proposti għandhom ukoll l-għan li jistandardizzaw il-metodu ta' preċiżjoni tal-kejl tal-fond tal-ilma;
- is-sistemi mtejba tat-trażżin għat-tfal – l-emendi proposti għandhom l-għan li jiddefinixxu b'mod aktar akkurat il-prerekwiżiti għall-ġhoti ta' numri tal-approvazzjoni tat-tip għal "sistemi mtejba tat-trażżin għat-tfal" u li jikkoordinaw aħjar il-ħruġ tan-numri tal-approvazzjoni tat-tip bejn ir-Regolamenti tan-NU Nri 129 u 170;
- is-sistemi avvanzati għall-ibbrejkjar f'emerġenza (AEBS, Advanced Emergency Braking Systems) – l-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbu t-terminoloġija dwar l-istatus tas-sistema wara "ċiklu ta' startjar/tħaddim tal-magna";
- il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u b'ċelloli tal-fjuwil – l-emendi proposti jfittxu li jiċċaraw l-ordni tat-testijiet tal-permeazzjoni u tat-tnixxija;
- l-installazzjoni tat-tajers – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu diversi korrezzjonijiet fir-rigward tad-definizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' kategoriji differenti ta' użu tat-tajers;
- is-sistemi avvanzati għall-ibbrejkjar f'emerġenza (AEBS) għal M1 u N1 – l-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbu t-terminoloġija dwar l-istatus tas-sistema wara "ċiklu ta' startjar/tħaddim tal-magna";
- is-sistemi awtomatizzati ta' żamma tal-korsija (ALKS, Automated Lane Keeping Systems) – l-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbu t-terminoloġija dwar l-istatus tas-sistema wara "ċiklu ta' startjar/tħaddim tal-magna";
- is-sistemi ta' trażżin għat-tfal għal trasport aktar sikur tat-tfal fix-xarabanks u l-kowċis – l-emendi proposti jfittxu li jallinjaw it-test tar-regolamenti mar-Regolamenti l-oħra tan-NU Nri 44 u 129, li jkopru s-sikurezza tal-adulti u tat-tfal;

- is-sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieqa – l-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu diversi korrezzjonijiet editorjali;
- il-prestazzjoni fuq il-borra tat-tajers b'wiċċ ġdid u l-klassifikazzjoni bħala tajer tat-trażżjoni – l-emendi proposti jfittxu li jintroduċu klassi ġdida ta' tajers ta' referenza u jintroduċu dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda;
- l-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, tas-sistemi ta' trażżin, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal, tas-sistemi ISOFIX għat-trażżin tat-tfal u tas-sistemi i-Size għat-trażżin tat-tfal – l-emendi proposti jfittxu li jintroduċu metodu ta' ttestjar ġdid tal-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla u dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda;
- it-tfakkiriet għaċ-ċinturin tas-sikurezza – l-emendi proposti jfittxu li jiċċaraw l-eżenzjonijiet għar-rekwiżiti tas-sit li jingħalaq u jintroduċu dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda; u
- l-kontroll tal-aċċellerazzjoni għall-iżbalji tal-pedala (ACPE, Acceleration Control for Pedal Error) – l-emendi proposti għandhom l-għan li jinkludu dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni għall-ACPE għall-vetturi tal-Kategorija N1 kif ukoll jintroduċu rekwiżiti addizzjonali tal-prestazzjoni għal xenarji addizzjonali; u
- proposta għal:
 - Regolament ġdid tan-NU dwar is-sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata (ELKS) – din il-proposta għal regolament ġdid għandha l-għan li tittrasponi r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/646; u
 - emenda tal-GTR tan-NU Nru 24 – l-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbu l-protokoll ġenerali tal-kejl tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet.

Id-WP.29 qed jippjana li jivvota għal dawn il-proposti fil-laqgħa tiegħu tal-24 sas-27 ta' Ġunju 2025.

Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-UE dwar:

- talba għal awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU fil-qasam tat-Tfal li Jitħallew fil-Vetturi għall-vetturi tal-kategorija 1 – it-talba tfittex li tawtorizza l-abbozzar ta' rekwiżiti regolatorji għall-vetturi tal-kategorija 1 u li tibda l-iżvilupp ta' GTR ġdid tan-NU b'mod parallel ma' Regolament tan-NU.

Jenħtieġ li l-UE tappoġġa l-atti msemmin hawn fuq minħabba li dawn jikkonformaw mal-politika tas-suq intern tagħha dwar l-industrija tal-karozzi fir-rigward tas-sikurezza, l-awtomatizzazzjoni u l-emissjonijiet, kif ukoll mal-politiki tagħha dwar il-ġeopolitika, it-trasport, il-klima u l-enerġija.

Dawn l-atti kollha għandhom impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali. Vot favur dawn l-atti jippromwovi l-progress teknoloġiku, jipprovdi ekonomiji ta' skala, jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiżgura li l-istandards tal-karozzi jiġu applikati b'mod uniformi fl-UE kollha.

L-għarfien espert estern mhuwiex rilevanti għal din il-proposta. Madankollu, il-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur irrieżamina din il-proposta.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jiddikjara li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li għandhom effetti legali minħabba r-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatura tal-UE”⁴.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Id-WP.29 huwa korp li fih il-partijiet kontraenti tan-NUKEE jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel.

L-atti li d-WP.29 qed jintalab jadotta huma atti li għandhom effetti legali.

Ir-regolamenti tan-NU stabbiliti fl-att previst se jkunu vinkolanti għall-UE. Flimkien mal-GTR tan-NU, se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-baży legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Baży legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-UE.

L-att previst jista’ jkollu żewġ għanijiet jew komponenti, li wieħed minnhom jista’ jiġi identifikat bħala ewlieni u l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali. F’dan il-każ, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq baży legali sostantiva waħda, jiġifieri dik il-waħda għall-għan jew għall-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv u l-kontenut ewlieni tal-att previst huma l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Għaldaqstant, il-baży legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 114 tat-TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *il-Ġermanja vs il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti ta' Ġunju 2025 għal regolamenti tan-NU

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, moqri flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderiet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u l-introduzzjoni fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffitjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1997/836/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2000/125/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>).

UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) jista' jadotta proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU, ir-regolamenti tekniċi globali tan-NU (GTRs tan-NU) u r-risoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u risoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi tal-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU, u jista' jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.
- (5) Mill-24 sas-27 ta' Ġunju 2025, matul il-196 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi, id-WP.29 jista' jadotta:
- (6) proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 9, 13, 16, 17, 30, 35, 41, 44, 54, 61, 75, 79, 108, 109, 117, 129, 131, 134, 142, 152, 157, 170, 171, 172, 173, 174 u 175; proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar is-sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-korsija (ELKS, Emergency Lane Keeping System); u proposta għal emenda tal-GTR tan-NU Nru 24.
- (7) Sabiex jiġu riflessi l-esperjenza fuq il-post u l-iżviluppi tekniċi matul il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, ir-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti tan-NU Nru 9, 13, 16, 17, 30, 41, 44, 54, 61, 75, 79, 108, 109, 117, 129, 131, 134, 142, 152, 157, 170, 171, 172, 173, 174 u 175; u l-GTR tan-NU Nru 24 jeħtieġ li jiġi emendat jew issupplimentat.
- (8) Sabiex ikun jista' jsir progress teknoloġiku u tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq, jeħtieġ li jiġi adottat regolament ġdid tan-NU dwar is-sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata (ELKS).
- (9) Dawn il-proposti huma konformi mal-orjentazzjonijiet strateġiċi ta' politika tal-Unjoni dwar l-industrija awtomobilistika, jiġifieri l-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew u l-Patt għal Industrija Nadifa.
- (10) Ir-regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mal-GTR tan-NU, se jinfluwenzaw il-kontenut tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Għalhekk, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawk il-proposti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-196 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi, li se ssir mill-24 sas-27 ta' Ġunju 2025, għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*